**247. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi s-Sur Massimo Gorla, persuna ta' nazzjonalità barranija u residenti barra minn Malta, fid-dsatax ta' Settembru, 1985 waqt li kien f'Malta rrifjuta li jwiegħed bil-miktub li ma jagħmel ebda ħidma f'Malta kontra l-liġijiet ta' pajjiżna u dan wara li ġie mitlub li jagħmel hekk mill-awtoritajiet lokali peress li fil-Gazzetta tal-Oppożizzjoni tal-istess data kien tħabbar li huwa kellu jieħu sehem f'attività politika dakinhar stess bi ksur tal-liġi kif ukoll in vista tal-fatt li fi Frar li għadda ħa sehem hawn Malta f'ħidma kontra l-liġi, tant li għadhom għaddejjin proċeduri kriminali kontra tiegħu:

U billi l-għada, 20 ta' Settembru, 1985, fl-istess Gazzetta tal-Oppożizzjoni tħabbar li l-istess persuna kienet se tieħu sehem f'attività politika oħra dakinhar, dejjem bi ksur tal-liġijiet tagħna;

U billi għal dawn ir-raġunijiet is-Sur Massimo Gorla ġie ordnat li jitlaq minn Malta kif fil-fatt għamel fl-għoxrin ta' Settembru, 1985;

U billi s-Sinjuri Flamino Piccoli u Kai Von Hassel, it-tnejn persuni ta' nazzjonalità barranija u t-tnejn residenti barra minn Malta, fl-għoxrin ta' Settembru, 1985, waqt li kienu hawn Malta u wara li flimkien ma' persuni oħra ta' nazzjonalità barranija talbu l-permess sabiex jitkellmu waqt manifestazzjoni politika organizzata mill-Partit Nazzjonalista:

U billi

(a) fil-każ tas-Sur Kai Von Hassel, dan fl-1978 għamel diskors kontra Malta mimli b'ħafna gideb u bi ħsara kbira għal pajjiżna, u meta aktar tard ġie Malta u ġiet mitlub li jew jirtira l-akkużi li għamel jew jippruvahom, is-Sur Von

Hassel naqas li jagħmel la ‘l waħda u lanqas l-oħra u għalhekk ġie dikjarat "persona non grata", u

(b) fil-każ tas-Sur Flaminio Piccoli, dan fl-1981 permezz ta' kliem u kitba għamel diversi akkużi kontra l-Gvern Malti u wara li ġie sfidat mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dom Mintoff, sabiex it-tnejn flimkien jieħdu parti f'dibattitu pubbliku fuq il-mezzi tax-Xandir fuq is-suġġett li tkellem fuqu s-Sur Flaminio Piccoli u affarijiet konnessi mal-istess suġġett, dan mhux talli naqas li jaċċetta l-isfida tal-Prim Ministru Malti, imma f'okkażjonijiet oħra wara qal ħwejjeġ li ma kenux vera u li jagħmlu ħsara lil pajjiżna,

il-permess mitlub minn dawn iż-żewġ persuni ġie rifjutat;

Għaldaqstant din il-Kamra għar-raġunijiet fuq imsemmija tiddikjara li l-Gvern kien korrett fl-aġir tiegħu fir-rigward tat-tliet persuni barranin, Massimo Gorla, Kai Von Hassel u Flaminio Piccoli u tapprova dawk il-passi u l-miżuri kollha li ħa f'dan ir-rigward.

7 ta' Ottubru 1985

**L-Onor. Eddie Fenech Adami ressaq din l-Emenda "A":**

Fl-ewwel paragrafu ħassar il-kliem kollu minn "bi ksur tal-Liġi kif ukoll" sat-tmiem tal-paragrafu u ssostitwih b'dan li ġej:

"u dan ir-rifjut sar b'eżerċizzju u difiża tad-dritt tiegħu fondamentali bħala bniedem ħieles għal-libertà tal-espressjoni u ta' komunikazzjoni ta' ideat".

Fit-tieni paragrafu ħassar il-kliem "bi ksur tal-liġijiet tagħna" u daħħal flokhom il-kliem "b'eżerċizzju tad-drittijiet fondamentali msemmija".

Fit-tielet paragrafu ħassar il-kliem "għal dawn ir-raġunijiet".

Fl-aħħar tar-raba' paragrafu żied dawn il-kliem:

"ma tħallewx jitkellmu bi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom bħala bnedmin, għall-libertà ta' espressjoni u ta' komunikazzjoni ta' ideat u li ma jkunx hemm diskriminazzjoni politika kontra tagħhom liema drittijiet huma garantiti lilhom bil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, bil-konvenzjoni Ewropea dwar Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u libertajiet fondamnetali, kif ukoll bl-Att Finali tal-Konferenza ta' Helsinki".

Ħassar dak kollu li jiġi wara r-raba' paragrafu u daħħal dan li ġej:

"Billi għalhekk l-aġir tal-Gvern meta keċċa lil Massimo Gorla u ma ħalliex jitkellmu lil Kai Uwe Von Hassel u lil Flaminio Piccoli sar:

i) bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

ii) bi ksur tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali;

iii) bi ksur tal-Att Finali tal-Konferenza ta' Helsinki; u

iv) b'mod li huwa anti-demokratiku u kontra l-interess nazzjonali tal-poplu Malti,

Din il-Kamra tikkundanna lill-Gvern għal dan l-aġir.

**L-emenda m'għaddietx fis-Seduta 282 tas-16 ta'Ottubru 1985.**

**Il-mozzjoni għaddiet fis-Seduta 282 tas-16 ta' Ottubru 1985.**